MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 975/2013

**Easylife TV Direct Company Limited u**

**Easylife Service Co. Limited**

**vs**

**Omajco Cleaners Limited u**

**Eximus Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjetajiet rikorrenti tal-11 ta’ Ottubru 2013 li jghid hekk:

Illi s-socjetajiet rikorrenti ilhom ghal dawn l-ahhar 14-il sena cirka joperaw in-negozju taghhom taht l-isem Easylife liema isem illum huwa maghruf ma' kulhadd f'dan il-pajjiz partikolarment mat-telespettaturi tal-istazzjonijiet televizivi f'dan il-pajjiz fejn il-bejgh isir permezz tat-televizjoni u kienu l-pijunieri f'Malta ta' dan it-tip ta' bejgh maghruf bhala teleshopping ossia telebejgh.

Illi matul dawn is-snin kollha s-socjetajiet rikorrenti dejjem operaw in-negozju taghhom taht l-isem esklussiv Easylife kif ghadhom joperaw sal-lum u in oltre dan l-isem kien gie sahansitra rregistrat bhala trademark u dana ghall-perijodu ta' 10 snin li bdew jiddekorru mit-28 ta' Mejju 2004 u liema trademark giet irregistrata ghal 10 snin u tiskadi fit-28 ta' Mejju 2014 sakemm ma tigix rinnovata kif certament ser tigi meta jasal iz-zmien ghar-rennovazjoni taghha. Qed jigi hawn anness bhala dokument KG1 prova tal-ezistenza tal-imsemmija trademark u partikolaritajiet kollha konnessi mal-istess.

Illi ricentament is-socjetajiet rikorrenti ntebhu illi gew esposti ghall-bejgh u fil-fatt ilhom jinbieghu ghal diversi xhur prodotti ta' tindif fosthom mop bil-barmil maghha li jintuza ghat-tindif tal-art bl-isem Easylife b'dawn illi dawn il-prodotti qeghdin joholqu mhux biss konfuzjoni fis-suq minhabba l-isem identiku ma' dak uzat esklussivament u bi dritt mis-socjetajiet rikorrenti oltre li rrizulta illi dan il-prodott/dawn il-prodotti huma ta' kwalita inferjuri bil-konsegwenza illi wara li dawn il-moppijiet inxtraw minn terzi persuni u nstabu li kienu ta' kwalita pessima l-istess persuni marru jilmentaw mas-socjetajiet rikorrenti billi assocjaw dan il-prodott mal-isem Easylife li huwa l-isem li bih is-socjetajiet rikorrenti joperaw in-negozju taghhom u huma maghrufa mal-poplu Malti li l-isem huwa taghhom u bdew jippretendu minghand l-istess rifuzjoni tal-flus li kienu hallsu meta xtraw dawn il-moppijiet minghand diversi hwienet gewwa Malta u Ghawdex. Qed jigu hawn annessi komplessivament bhal dokument KG2 tlett ircevuti ta' tlett moppijiet spaccjati illegalment fis-suq mis-socjetajiet intimati kif fuq intqal kif ukoll il-packaging tal-istess moppijiet li jindikaw l-isem Easylife li huwa proprjeta intelletwali esklussiv tas-socjetajiet rikorrenti.

Illi l-agir abbuziv u illegali da parti tas-socjetajiet intimata jikkonsisti fil-fatt illi dawn mhux biss qedghin jaghmlu uzu tal-isem maghruf Easylife u liema isem sar popolari unikament minhabba l-investiment li ghamlu fih is-socjetajiet rikorrenti matul dawn l-ahhar 14-il sena cirka sabiex dan l-isem jigi maghruf u mizmum bhala isem rimfittex u affidabbli billi dejjem offra ghall-bejgh, prodotti ta' kwalita izda wkoll illi qeghdin jaghmlu nfrazzjoni in flagrante tal-marka rregistrata esklussivament f'isem is-socjetajiet rikorrenti u ghalhekk dan l-agir jikkostitwixxi kontravenzjoni u ksur tad-drittijiet ta' proprjeta intelletwali u in oltre jilledi wkoll id-drittijiet tas-socjetajiet rikorrenti bhala proprjetarji u utenti esklussivi tal-isem Easylife u ghalhekk tali agir u abbuz jikkonsisti wkoll fi gwadan mir-reputazzjoni, fama u apparenza tal-isem Easylife u tat-trademark bl-istess isem u qieghed jikkawza dannu lis-socjetajiet rikorrenti bhala utenti esklussivi tad-distribuzzjoni tal-oggetti assocjati mal-uzu tat-trademark u l-isem Easylife.

Illi huwa car u manifest illi d-dritt ta' proprjeta intelletwali tas-socjetajiet rikorrenti bhala koncessjonali esklussivi tad-dritt ta' uzu tat-trademark Easylife u tal-isem Easylife kif rikonoxxut u protett in virtu, bis-sahha u skond paragrafu b tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi lez mill-intimati u kwindi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom dritt li jircievu l-protezzjoni akkordata lilhom mill-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-agir tal-intimati qed jarreka danni konsiderevoli lis-socjetajiet rikorrenti fis-sens illi meta s-socjetajiet intimati bdew jispaccjaw fis-suq dawn il-moppijiet bl-isem Easylife, billi dawn kienu ta' kwalita pessima, is-socjetajiet rikorrenti wara li bdew jircievu ilmenti kontinwi illi l-moppijiet bl-isem Easylife kienu qed jispiccaw wara ftit zmien ta' uzu spiccalhom is-suq li huma kienu ilhom igawdu fil-bejgh tal-moppijiet originali li kienu jimpurtaw u jbieghu huma fil-gestjoni tal-isem Easylife u t-trademark bl-istess isem u minn bejgh ta' madwar 300 mop fix-xahar dan in-numru spicca fix-xejn tant li waqfu milli izjed joffru dan il-prodott fis-suq, kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Illi minkejja illi s-socjetajiet intimati gew avvzati li kienu qed jaggixxu bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti permezz ta' ittra interpellatorja tal-4 ta' Ottubru 2013 u li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata dokument KG3, baqghu inadempjenti.

Jghidu s-socjetajiet intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess u ai termini tal-artikoli 6, 8 u 14 tal-Kaptiolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tohrog kontra l-intimati digriet li jkun intiz sabiex jipprevjeni kull ksur ta' dritt ta' proprjeta intelletwali vestit fis-socjetajiet rikorrenti fuq il-marka Easylife;

2. Tipprojbixxi lill-intimati milli jkomplu jaghmlu uzu mill-kelma Easylife fl-ezercizu minnha tal-bejgh u spaccjar ta’ kull oggett kontenenti l-istess kelma Easylife u b'mod partikolari ghal dak li ghandu x'jaqsam ma’ moppijiet bil-barmil maghhom li jintuzaw ghat-tindif tal-art jew simili;

3. Tipprojbixxi lill-intimati milli jaghmlu uzu minn dizinji, sinjali distintivi kontenenti fost ohrajn u b'mod partikolari il-kliem Easylife;

4. Tordna l-qbid tal-prodotti li huma suspettati li qeghdin jiksru d-dritt tal-proprjeta intelletwali tas-socjetajiet rikorrenti kwantu t-trademark u l-isem Easylife jinsabu fejn jinsabu dawn il-prodotti anke fi stabbilimenti gestiti minn terzi;

5. Tordna lill-intimati li jipprezentaw fil-Qorti fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom minnha iffissat, rendikont dettaljat tal-prodotti konsistenti fost ohrajn moppijiet bil-barmil maghhom li gew ottenuti u spaccjati minnhom f'Malta taht l-isem Easylife;

6. Tordna li jittiehdu mizuri adatti ghat-tixrid ta’ informazzjoni li tirrigwarda decizjoni taghha, inkluz il-wiri tad-decizjoni u l-kumplikazzjoni taghha kollha kemm hi jew parti minnha u jekk ikun il-kaz tipprovdi wkoll ghal mizuri tal-pubblicita addizzjonali a spejjez tas-socjetajiet intimati.

7. Tordna wkoll illi jittiehdu kontra s-socjetajiet intimati l-mizuri msemmija fl-artikolu 9 tal-istess Kap. 488 tal-Ligijiet tal Malta.

8. Tiddikjara illi s-socjetajiet rikorrenti sofrew danni minhabba l-agir abbuziv u illegali kontrihom da parti tas-socjetajiet intimati.

9. Tillikwida dawn id-danni kollox skond kif imsemmi fl-artikolu 12 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet tal Malta u dan jekk hemm bzonn bl-opera tal Periti nominandi.

10. Konsegwentament tikkundanna lis-socjetajiet intimati jhallsu lis-socjetajiet rikorrenti in linja ta’ danni dak l-ammont li jigi hekk illikwidat.

Is-socjetajiet rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, abbazi tal-pregudizzju irrimedjabbli li qed isofru s-socjetajiet rikorrenti bl-ewwel tlett talbiet jigu milqugha provizorjament u dan ai termini tal-artikolu 8(4) tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet tal Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjetajiet rikorrenti kontra dawk intimati inkluza azzjoni ghad-danni.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati li tghid hekk:

1. ILLI in linea preliminari s-socjeta Eximus Services Ltd, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma spaccatx il-mobbli mertu ta' din il-kontensjoni fis-suq;

2. ILLI in linea preliminari, ghandu jinghad illi d-drittijiet li tivvanta s-socjeta rikorrenti jirreferu ghal reklamar u mhux ghal prodott specifiku;

3. ILLI ukoll in linea preliminari, illi l-prodott lamentat origina minn arja geografika diversa minn dik tar-rikorrenti u ma sar l-ebda intervent mill-esponenti fl-ippakkegjar u/jew il-marki ta' fuq l-istess. L-esponenti sempliciment jimporta l-prodott u jispaccjah fis-suq lokali u ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur.

4. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-isem 'easylife' stampat fuq il-kaxxa ma hijiex l-istess bhal dik tas-socjeta rikorrenti, anzi hemm differenza notevoli u l-ebda somiljanza;

5. ILLI l-uzu tal-kliem 'easylife' tant hu insignifikanti tenut kont tal-get up kollu tal-kaxxa tal-mop li ma johloq l-ebda konfusjoni f'mohh il-konsumatur normali;

6. ILLI s-socjeta r-rikorrenti sikurament ma jistax jipprekludi kwalunque terz milli jbiegh mop u barmil ghax jallega u/jew jippretendi li ghandu xi drittijiet intelletwali fuq l-istess;

7. ILLI se mai d-dritt tas-socejta rikorrenti huwa limitat ghal mod ta' kif huma miktuba l-kliem 'easy life' u mhux fuq il-kliem per se;

8. ILLI ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta rikorrenti ma tista' tirreklama l-ebda danni ghaliex jekk naqsilha l-bejgh tal-moppijiet dan jista' jkun konsegwenza ta' scelta varjata ta' moppijiet fis-suq lokali;

9. ILLI ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jehtieg isiru dwar dan il-kaz**.

Illi l-azzjoni odjerna hija rikors ta' Easylife TV Direct Company Limited u Easylife Services Co. Limited ai termini tal-artikolu 6, 8, 9, 12 u 14 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Kap. 488 hu l-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali u skont l-artikolu 2 "drittijiet ta' proprjeta intellettwali" tfisser dawk id-drittijiet li jigu moghtijin taht l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur, l-Att dwar it-Trademarks u l-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni, jew kull ligi ohra li tista' minn zmien ghal mien tidhol minflokhom u "ligijiet rilevanti" ghandha titfisser bl-istess mod.

L-Att imsemmi fit-Taqsima IV jitkellem dwar il-mizuri provvizorji u kawtelatorji mentri t-Taqsima V titkellem dwar mizuri li jirrizultaw minn decizjoni fuq il-mertu tal-kaz.

Illi l-att promotorju jaghmel referenza ghall-artikoli 6, 8, 9, 12 u 14 tal-Kap. 488 li jaqghu kemm fit-Taqsima IV kif ukoll fit-Taqsima V indistintament.

L-artikolu 6 invokat mir-rikorrenti jipprovvdi li qabel ma l-Qorti kompetenti tibda bil-procedimenti fuq il-mertu tal-kaz, wara li jsir rikors minn persuna li tkun pprezentat provi li jkunu ragonevolment disponibbli biex isostni l-pretensjoni taghha li d-dritt ta' proprjeta intellettwali li jkollha, ikun gie miksur jew ikun ser jigi miksur, dina l-Qorti tordna li jittiehdu dawk il-mizuri provvizorji immedjati u effettivi skont ma jigu kkunsidrati li jkunu adatti sabiex jigu preservati provi rilevanti fir-rigward tal-ksur allegat.

L-artikolu 8. ukoll invokat mir-rikorrenti, jipprovdi li kull persuna msemmija fl-artikolu 3 (f'dan il-kaz ir-rikorrenti bhala detentrici ta' dritt ta' proprjeta intellettwali) tista' permezz ta' rikors titlob lill-Qorti - (a) tohrog kontra min ikun qieghed allegatament jikkommetti l-ksur ta' dritt ta' proprjeta intellettwali, digriet li jkun intiz biex jipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjeta intellettwali bhal dak, jew li jipprojbixxi, fuq bazi provvizorja lill-intimat milli jitkompla

jsehh kull tali ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li taghmel dik it-tkomplija soggetta ghal garanziji li jkunu intizi biex jizguraw li jinghata kumpens lid-detentur tad-dritt.

Issa fil-kaz in ezami l-ewwel talba tar-rikorrenti hija fis-sens li dina l-Qorti:

Tohrog kontra l-intimati digriet li jkun intiz sabiex jipprevjeni kull ksur ta' dritt ta' proprjeta intelletwali vestit fis-socjetajiet rikorrenti fuq il-marka Easylife.

Ifisser li din it-talba tar-rikorrenti f'dina l-azzjoni, kif ukoll it-tieni u tielet talba huma intizi biex dina l-Qorti taghti digriet biex tinibixxi provvisorjament lill-intimati milli jkomplu jiksru d-dritt ta' proprjeta intellettwali tar-rikorrenti. Il-mertu fir-rigward tal-allegat ksur imbaghad irid jigi indagat mill-Qorti kompetenti li tigi hekk adita.

Illi fil-kaz in ezami tressqu s-segwenti provi:

Ir-rikorrent Peter Caruana kkonferma r-rikors prezentat minnu u zied ighid li wara li pprezenta l-kawza l-intimati baqghu jaghmlu reklami u jbieghu l-istess mop pero issa biddlu l-isem biex ma baqghetx Easylife mop izda bisem differenti. Hu ma jafx jekk l-intimati irtirawx il-moppijiet li kellhom bl-isem Easylife jew iddistruggewhomx. L-intimati tellfuh il-bejgh ghal madwar sena jew aktar billi beda jircieva ilmenti minn kljenti li xtraw il-moppijiet tas-socjeta intimata bl-isem Easylife imma li kienu ta' kwalita inferjuri. Fejn qabel kien ibiegh kwantita ta' moppijiet, il-bejgh naqas drastikament sakemm spicca kompletament. Ipprezenta prospett preparat minn Accountant tal-kwantita ta' moppijiet li kien jixtri u kemm kien ibiegh xahar b'xahar qabel ma l-intimati bdew ibieghu l-kopja tal-mop tieghu. Fil-prospett hemm kemm kienu jiguh il-moppijiet u l-qliegh li jaghmel fuqhom u allura t-telf li sofra mid-data relattiva sakemm fetah il-kawza. Fis-sena 2010 hu kien ghamel qliegh nett ta' €14,106 u kieku l-intimati ma ghamlux dak li ghamlu hu kien jaghmel almenu l-istess qliegh fl-2011 sal-2013 sakemm l-intimati waqfu milli juzaw l-isem tieghu. Apparti dana hu issa sabha difficili biex jerga jakkwista l-fiducja tal-klijenti li kellu qabel. Ipprezenta kaxxex bl-oggett in kwistjoni biex juri li anke wara li pprezenta l-kawza hu kien imexxilu jixtri minghand l-intimati l-mop bl-isem Easylife biex juri li l-intimati baqghu jiksru d-drittijiet tieghu.

Fuq kontroezami r-rikorrenti wiegeb li gab dan il-prodott minn 20/1/2010 sa 2/11/2010 imbaghad ma gabx konsenji ohra ghar-raguni li gja spjega. Hu kien sab li l-intimati kienu qed jnizzlu l-isem Easylife fuq il-kaxxa tal-prodott. Meta kienu jirreklamaw fuq it-televison l-intimati ma kienux igibu l-kaxxa imma juru l-barmil biss. Hu mhux qed joggezzjona ghax l-intimati jgibu prodott simili ghal tieghu imma ghax kienu qed juzaw l-isem tal-kumpanija Easylife fuq il-prodott taghhom.

Manwel Taljana, impjegat mas-socjeta rikorrenti, xehed li kien induna li l-intimati kienu qed jbieghu mop bhal taghhom u fuq il-kaxxa kien hemm l-isem Easylife, meta kien rat il-prodott f'hanut f'G'Mangia. Hu kien qal lil Peter Caruana u dan beda jindaga biex jara minn kien qed igib dak il-prodott. Ftit wara giet mara bil-mop ghat-tiswija ghandhom u gabitu fil-kaxxa tieghu bl-isem Easylife u lmentat li kien difettuz u ghadu taht garanzija. Hi ma kinitx xtratu minghandhom imma minn hanut il-Qrendi. Hu kien indaga u sab li dak il-mop kien qed ibieghu l-Omajco Cleaners. Hu kien xtara mop minghandu u fil-hanut kien ra ruxmata kaxxi b'tlett tipi ta' moppijiet kollha bl-isem Easylife fuq il-kaxxa. Hu kien xtara mop minghand Omajco fi tlett okkazzjonijiet differenti. Barra il-mara li semma kienu gew persuni ohra jilmentaw maghhom u riedu li naghtuhom il-flus lura jew nsewwulhom b'xejn. Huma heddewhna li jaghmlulna reklam hazin. Huma ma setghux jikkonvincuhom li mhux huma kienu importaw dak il-prodott. Kien hemm differenza kbira bejn il-kwalita tal-prodott taghhom u dak tal-intimati.

Mark Camilleri, habib ta' Peter Caruana, xehed li hu kien iltaqa' mieghu t-Trade Fair u kien talbu biex jiccekkja fl-istand tas-socjeta Omajco biex jara jekk kinitx qed tbiegh moppijiet taht l-isem ta' Easylife. Hu hekk ghamel u sab ragel jaghmel dimostrazzjoni lin-nies b'dawn il-moppijiet u nnota partita kaxxi fuq xulxin bil-mop go fihom u l-kaxxi kellhom fuqhom l-isem Easy Life. Dan ir-ragel kien qed ighid lin-nies li l-moppijiet kienu tal-Easylife.

Charles Cassano, accountant, irrefera ghad-dokument a fol. 26 ppreparat minnu u qal li bhala prezz ta' xiri huwa ha average skond kull fattura fuq sena shiha. Hu ha kemm impurtaw bramel u hareg il-prezz ta' kull barmil b'average ta' sena shiha, zied mieghu l-freight u c-charges, biex hareg il-cost ta' kull barmil imbaghad immoltiplika daqs li kieku l-bramel inbieghu kollha (bramel in stock ma kienx hemm) u hareg il-valur tal-bejgh ta' sena shiha. Dan il-kalkolu ma jirriflettiex is-sales attwali imma projection ta' kemm suppost qala' kieku baqa' jimpurta dawn il-bramei u mhux waqaf kif kellu jaghmel.

L-intimat Anthony Vella xehed li huwa direttur tas-socjeta Omajco Cleaners Ltd mentri martu hija direttrici tal-kumpanija Eximus Services Ltd. Il-kumpanija Omajco timporta prodotti ghas-suq lokali. Huma jbieghu mill-hanut taghhom fil-Qrendi u joffru servizz ta' home delivery. Ilhom ibiegh dawn il-bramel ghal dawn l-ahhar erba snin. Jimportaw dan il-mop u barmil minn barra u ma jaghmlulu ebda tibdil lanqas fil-packaging tieghu. Il-kaxxa tigi impurtata kif inhi u tinbiegh direttament lill-konsumatur kif inhi. Il-prodott jigi mic-China. Ezebixxa d-Dok. AV1 li juri l-kaxxi qeghdin jitghabbew fil-container fic-Cina u Dok. AV2 juri l-kelma EASY LIFE kif stampat mill-manifattur fuq il-kaxxa. Il-prodott in kwistjoni jismu ISPIN MOP kif jidher fil-kaxxa. Dan il-mop mhux l-uniku mop li jinbiegh hawn Malta. Il-mop tal-attur jismu SPIN & GO.

Dwar Dok. AV1 a fol. 35 qalli dan hu l-Easy Mop li kien igib xi tlieta/erba' snin ilu. Hemm il-kliem Easy Life (Makes housework much easier). Il-prodott jigi stampat hekk lest minn barra. AV2, 3 u 4 huma mudelli ta' barmil mhux tal-kumpanija taghhom imma li jgibuh haddiehor. AV5 hu mudell iehor bl-isem Easy Life li mhux taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

L-artikolu 10 tal-Kap. 416 ighid hekk:

> 10 (2) Persuna tikkontravvjeni trademark registrata meta fil-kors tal-kummerc tuza sinjal li minhabba –
>
> (b) is-sinjal ikun simili ghat-trademark u jkun uzat ghar-rigward ta' oggetti jew servizzi simili ghal dawk li dwarhom it-trademark tkun registrata,
>
> jkun hemm probabbilta ta' konfuzjoni min-naha tal-pubbliku, inkluza l-probabbilta ta' assocjazzjoni mat-trademark:
>
> (4) Ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu persuna tuza sinjal jekk, b'mod partikolari, hija -
>
> (a) twahhalha mal-oggetti jew mal-ippakkettjar taghhom;

(b) toffri jew tesponi oggetti ghal bejgh, tohroghom fis-suq jew tahzinhom ghal dawk l-ghanijiet taht is-sinjal, jew toffri jew tforni servizzi taht is-sinjal;

(c) timporta jew tesporta oggetti taht is-sinjali; jew

(d) tuza s-sinjal fuq kartolerija kumrnercjali jew fir-reklamar.

Illi fil-kaz in ezami mill-provi jirrizulta li s-socjeta rikorrenti tgawdi protezzjoni taht il-Kap. 416 ghal trademark tal-isem Easylife as distinctively reproduced ghal prodotti indikati fl-istess certifikat ezibit a fol. 68 bhala Dok. JR1.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta Ii l-intimati uzaw il-kliem Easy Life fuq il-kaxxa tal-prodott taghhom Ii huwa simili jekk mhux identiku ghat-trademark tar-rikorrenti fir-rigward ta' oggetti (barmil bil-mop) Ii dwarhom it-trademark hi registrata. L-intimati m'ghandhom trademark simili registrata fuq isimhom hawn Malta. Gew ezibiti kaxxex li r-rikorrenti, tramite il-haddiema taghha, xtrat minghand l-intimati, anke wara li giet ipprezentata dina l-kawza. L-intimati kienu qed jirreklamaw dan il-barmil bil-mop fuq it-TV u jbieghhom fil-hwienet, fil-Qrendi, fi G'Mangia u fit-Trade Fair. Ir-rikorrenti indunaw bl-ispaccar ta' dana l-prodott fis-suq meta bdew gejjin persuni ghandhom li kienu xtraw il-prodott minghand l-intimati jew fil-hwienet Ii kellhom il-prodott taghhom u billi hargu difetti fil-prodott u l-isem fuq il-kaxxa tal-prodott kien ta' Easy Life, li hija d-ditta tar-rikorrenti, huma marru ghand ir-rikorrenti u xi nies insistew Ii jiehdu flushom Iura u ohrajn li ssir tiswija b'xejn billi kellhom il-garanzija. Dawn in-nies anke bdew jheddu Iir-rikorrenti li jaghmlulhom reklam hazin. Illi ghalhekk jirrizulta li kien hemm konfuzjoni min-naha tal-pubbliku bl-assocjazzjoni tal-prodott li xtraw minghand l-intimati mat-trademark tar-rikorrenti li kkawzatilhom nuqqas ta' bejgh u danni.

Illi ghalhekk jirrizulta Ii r-rikorrenti kellhom prima facie jedd Ii jipprocedu kontra l-intimati biex jittiehdu mizuri kawtelatorji kontra l-intimati.

**Eccezzjonijiet tal-intimati**

1. Fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati jghidu li s-socjeta Eximus Services Ltd, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma spaccatx il-mobbli mertu tat din il-kontensjoni fis-suq.

Illi dina l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha billi jirrizulta mill-ftit provi li hemm fir-rigward li z-zewg kumpaniji intimati qeghdin fin-negozju ta' importazzjoni ta' prodotti f'Malta fosthom dak in ezami u ghalhekk huma kellhom x'jaqsmu ma' dana l-prodott.

2. L-intimati eccepew ukoll in linea preliminari, li d-drittijiet li tivvanta s-socjeta rikorrenti jirreferu ghal reklamar u mhux ghal prodott specifiku.

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta rikorrenti, apparti reklamar, qed tivvanta drittijiet fuq it-trade mark fuq l-isem taghha registrat bhala Easy Life u gie pruvat li dan l-istess isem qed jintuza illegalment mill-intimati fuq prodott taghhom li hu simili ghal dak li timporta s-socjeta rikorrenti.

3. Illi l-intimati wiegbu ukoll illi l-prodott lamentat origina minn arja geografika diversa minn dik tar-rikorrenti u ma sar l-ebda intervent mill-esponenti fl-ippakkegjar u/jew il-marki tat fuq l-istess. Ighidu illi huma sempliciment importaw l-prodott u spaccawh fis-suq lokali u ghalhekk ma huwiex il-legittimu kontradittur.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-intimati huma legittimi kontradditturi billi huma importaw u spaccaw dan il-prodott fis-suq lokali meta kienu jafu li fuq il-prodott taghhom kellhom l-isem Easy Life u li huma kienu konsapevoli li dan kien l-isem tad-ditta rikorrenti li kienet qed tirreklama u tbiegh bhalha l-istess generu ta' prodotti fuq isimiha. Il-fatt li dan il-prodott gie minn barra kif inhu ma jisggustifikax lill-intimati li jispaccaw dan il-prodott u jiksru d-drittijiet intellettwali tar-rikorrenti u joholqu konfuzjoni fis-suq.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-isem 'easylife' stampat fuq il-kaxxa ma hijiex l-istess bhal dik tas-socjeta rikorrenti, anzi hemm differenza notevoli u l-ebda somiljanza.

Illi fil-kaz in ezami l-kwistjoni hija li l-intimati qed juzaw l-isem registrat tal-kumpanija rikorrenti fuq prodotti taghhom. Illi Anthony Vella direttur tas-socjeta intimata ipprezenta ritratti AV2 sa AV4 biex juri li anke kumpanniji ohra qed jimpurtaw bramel u moppijiet simili ghal dawk tar-rikorrenti. Peter Caruana xehed li hu mhux qed joggezzjonaw li jigu impurtati bramel bil-mop simili ghal dawk li jimporta huwa imma l-oggezzjoni tieghu hija principalment fuq l-uzu tal-isem tal-kumpannija tieghu fuq il-kaxxex li ghandhom prodott differenti u ta' kwalita inferjuri ghal tieghu. Jigi rilevat li fuq d-Dokumenti AV2 sa AV4 ma hemmx il-kliem Easy Life kif invece hemm fir-ritratt AV1 li huwa l-prodott li jimportaw l-intimati fejn jidhru l-kliem Easy Life u l-isem tal- mop Ispin Mop li huwa wkoll simili ghal mop li kienu jimpurtaw ir-rikorrenti Spin & Go.

5. Illi l-uzu tal-kliem 'easylife' tant hu insinifikanti tenut kont tal-get up kollu tal-kaxxa tal-mop li ma johloq l-ebda konfusjoni f'mohh il-konsumatur normali.

Illi l-provi migjuba quddiem dina l-Qorti invece juru mod iehor. Gie spjegat kif diversi klijenti kien marru ghand ir-rikorrenti ghax rawh li l-prodott fih l-isem Easy Life li hu l-isem registrat tal-kumpanija rikorrenti u kif din spjegat li kien difficili hafna ghaliha li tispjega lin-nies li marru ghandha li ma kinitx hija li impurtathom.

6. Illi s-socjeta r-rikorrenti sikurament ma jistax jipprekludi kwalunkwe terz milli jbiegh mop u barmil ghax jallega u/jew jippretendi li ghandu xi drittijiet intellettwali fuq l-istess.

Kif gja inghad ir-rikorrenti mhux qed toggezzjona ghal importazzjoni tal-prodott in kwistjoni imma ghall-uzu tal-isem tal-kumpannija fuq dana l-prodott.

7. Fl-ahharnett l-intimati eccepew li se mai d-dritt tas-socjeta rikorrenti huwa limitat ghal mod ta' kif huma miktuba l-kliem 'easy life' u mhux fuq il-kliem per se.

Illi l-Qorti diga wiegbet dana l-ilment taht l-eccezzjoni (4).

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-intimati qed jigu michuda.

Illi fil-fehma tal-Qorti hemm prima facie ksur mill-intimati ta’ dritt tal proprjeta intelletwali vestit fis-socjetajiet rikorrenti fuq il-marka Easy life.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tipprojbixxi lill-intimati milli jkomplu jaghmlu uzu mill-kelma Easylife fl-ezercizju minnhom tal-bejgh u spaccjar ta’ kull oggett kontenenti l-istess kelma EasyIife u b'mod partikolari ghal dak Ii ghandu x'jaqsam ma moppijiet bil-barmil maghhom li jintuzaw ghat-tindif tal-art jew simili;

3. Tipprojbixxi lill-intimati milli jaghmlu uzu minn dizinji, sinjali distintivi kontenenti fost ohrajn u b'mod partikolari il-kliem Easylife;

4. Tordna l-qbid tal-prodotti li huma suspettati li qedghin jiksru d-dritt tal-proprjeta intelletwali tas-socjetajiet rikorrenti kwantu t-trademark u l-isem Easylife jinsabu fejn jinsabu dawn il-prodotti anke fi stabbilimenti gestiti minn terzi;

5. Tordna lill-intimati Ii jipprezentaw fil-Qorti fi zmien hmistax rendikont dettaljat tal-prodotti konsistenti fost ohrajn ta' moppijiet bil-barmil maghhom li gew ottenuti u spaccjati minnhom f'Malta b'kaxex taht l-isem Easylife;

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet 6 sa 10 billi dawn iridu jigu ezaminati meta jigi deciz il-mertu tal-kaz.

Bl-ispejjez tal-ewwel hames talbiet ghal-intimati. Spejjez fuq it-talbiet rimanenti ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------